



Brussell, 13 ta' Marzu 2018  
(OR. en)

6821/18

**LIMITE**

CORLX 139  
CFSP/PESC 216  
RELEX 194  
COMET 9  
COTER 26  
FIN 196

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġcieled it-terroriżmu u li jħassar ir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2017/1420

## **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...**

**ta' ...**

**li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001  
dwar miżuri restrittivi spċifici diretti kontra ċerti persuni u entitajiet  
bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu  
u li jħassar ir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2017/1420**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar miżuri restrittivi spċifici diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

---

<sup>1</sup> ĠU L 344, 28.12.2001, p. 70.

Billi:

- (1) Fl-4 ta' Awwissu 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2017/1420<sup>1</sup> li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001, biex stabbilixxa lista aġġornata ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika r-Regolament (KE) Nru 2580/2001 ("il-lista").
- (2) Il-Kunsill ipprovda lill-persuni, gruppi u entitajiet kollha dikjarazzjonijiet ta' raġunijiet li jispjegaw għaliex huma ġew inklużi fil-lista, fejn possibbli fil-prattika.,
- (3) B'avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*, il-Kunsill informa lill-persuni, gruppi u entitajiet fuq il-lista li kien iddeċieda li jżommhom fiha. Il-Kunsill informa wkoll lill-persuni, gruppi u entitajiet ikkonċernati bil-possibbiltà li jitkolu dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill għall-inklużjoni tagħħom fil-lista fejn tali dikjarazzjoni ma kinitx digħi għiet ikkomunikata lilhom.
- (4) Il-Kunsill irreveda l-lista kif meħtieġ mill-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001. F'dik ir-reviżjoni, il-Kunsill ħa kont tal-osservazzjonijiet ippreżentati lili minn dawk ikkonċernati kif ukoll tal-informazzjoni aġġornata li rċieva mill-awtoritatijiet nazzjonali kompetenti dwar l-istatus tal-individwi u entitajiet inklużi fil-lista fil-livell nazzjonali.

---

<sup>1</sup> Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1420 tal-4 tal-Awwissu 2017 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi spċifici diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġgied it-terroriżmu, u li jħassar ir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2017/150 (ĠU L 204, 5.8.2017, p. 3).

- (5) Il-Kunsill ivverifika li awtoritajiet kompetenti kif imsemmijin fl-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK<sup>1</sup> ħadu deċiżjonijiet fir-rigward tal-persuni, gruppi u entitajiet kollha fejn jirriżulta li dawn kienu involuti fatti terroristiċi fis-sens tal-Artikolu 1(2) u (3) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK. Il-Kunsill ikkonkluda wkoll li jenħtieġ li l-persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplikaw l-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK jibqgħu soġġetti għall-miżuri restrittivi speċifiċi previsti fir-Regolament (KE) Nru 2580/2001.
- (6) Jenħtieġ li l-lista tiġi aġġornata skont dan u jenħtieġ li r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2017/1420 jitħassar,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

---

<sup>1</sup> Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (2001/931/PESK) (ĠU L 344, 28.12.2001, p.93).

*Artikolu 1*

Il-lista prevista fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 tinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Ir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2017/1420 huwa b'dan imħassar.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

## **ANNESS**

Lista ta' persuni, gruppi u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1

### I. PERSUNI

1. ABDOLLAHI Hamed (magħruf ukoll bħala Mustafa Abdullahi), imwieleq fil-11.8.1960 fl-Iran. Passaport: D9004878.
2. AL-NASSER, Abdelkarim Hussein Mohamed, imwieleq f'Al Ihsa (Arabja Sawdija), ċittadin tal-Arabja Sawdija.
3. AL YACOUB, Ibrahim Salih Mohammed, imwieleq fis-16.10.1966 f'Tarut (Arabja Sawdija), ċittadin tal-Arabja Sawdija.
4. ARBABSIAR Manssor (magħruf ukoll bħala Mansour Arbabsiar), imwieleq fis-6.3.1955 jew il-15.3.1955 fl-Iran. Ċittadin Iranjan u tal-Istati Uniti. Passaport: C2002515 (Iran); Passaport: 477845448 (Stati Uniti tal-Amerka). Numru tal-ID nazzjonali: 07442833, data tal-iskadenza l-15.3.2016 (liċenzja tas-sewqan tal-Istati Uniti tal-Amerka).
5. BOUYERI, Mohammed (magħruf ukoll bħala Abu ZUBAIR, magħruf ukoll bħala SOBIAR, magħruf ukoll bħala Abu ZOUBAIR), imwieleq fit-8.3.1978 f'Amsterdam (in-Netherlands).
6. EL HAJJ, Hassan Hassan, imwieleq fit-22.3.1988 f'Zaghdraiya, Sidon, il-Libanu, ċittadin Kanadiż. Numru tal-passaport: JX446643 (Kanada).

7. IZZ-AL-DIN, Hasan (magħruf ukoll bħala GARBAYA, Ahmed, magħruf ukoll bħala SA-ID, magħruf ukoll bħala SALWWAN, Samir), il-Libanu, imwieleq fl-1963 fil-Libanu, ċittadin tal-Libanu.
8. MELIAD, Farah, imwieleq fil-5.11.1980 f'Sydney (l-Australja), ċittadin Australjan. Numru tal-passaport: M2719127 (Australja).
9. MOHAMMED, Khalid Shaikh (magħruf ukoll bħala ALI, Salem, magħruf ukoll bħala BIN KHALID, Fahd Bin Adballah, magħruf ukoll bħala HENIN, Ashraf Refaat Nabith, magħruf ukoll bħala WADOOD, Khalid Adbul), imwieleq fl-14.4.1965 jew l-1.3.1964 fil-Pakistan, Numru tal-passaport 488555.
10. ŞANLI, Dalokay (magħruf ukoll bħala Sinan), imwieleq fit-13.10.1976 f'Pūlümür (it-Turkija).
11. SHAHLAI Abdul Reza (magħruf ukoll bħala Abdol Reza Shala'i, magħruf ukoll bħala Abd-al Reza Shalai, magħruf ukoll bħala Abdorreza Shahlai, magħruf ukoll bħala Abdolreza Shahla'i, magħruf ukoll bħala Abdul-Reza Shahlaee, magħruf ukoll bħala Hajj Yusef, magħruf ukoll bħala Haji Yusif, magħruf ukoll bħala Hajji Yasir, magħruf ukoll bħala Hajji Yusif, magħruf ukoll bħala Yusuf Abu-al-Karkh), imwieleq bejn wieħed u ieħor fl-1957 fl-Iran. Indirizzi: (1) Kermanshah, Iran, (2) Bażi Militari ta' Mehran, Provinċja ta' Ilam, Iran.
12. SHAKURI Ali Gholam, imwieleq bejn wieħed u ieħor fl-1965 f'Tehran, l-Iran.
13. SOLEIMANI Qasem (magħruf ukoll bħala Ghassem Soleymani, magħruf ukoll bħala Qasmi Sulayman, magħruf ukoll bħala Qasem Soleymani, magħruf ukoll bħala Qasem Solaimani, magħruf ukoll bħala Qasem Salimani, magħruf ukoll bħala Qasem Solemani, magħruf ukoll bħala Qasem Sulaimani, magħruf ukoll bħala Qasem Sulemani), imwieleq fil-11.3.1957 fl-Iran. Ċittadin Iranian. Passaport: 008827 (Diplomatiku Iranian), maħruġ fl-1999. Titolu: Maġġur Ġeneral.

## II. GRUPPI U ENTITAJIET

1. "Abu Nidal Organisation" — "ANO" ("Organizzazzjoni Abu Nidal") (magħrufa wkoll bħala l-"Kunsill Rivoluzzjonarju tal-Fatah", magħrufa wkoll bħala l-"Brigati Rivoluzzjonarji Għarab", magħrufa wkoll bħala s-"Settembru l-Iswed", magħrufa wkoll bħala l-Organizzazzjoni Rivoluzzjonarja tal-Musulmani Soċjalisti).
2. "Il-Brigata tal-Martri ta' Al-Aqsa".
3. "Al-Aqsa e.V".
4. "Babbar Khalsa".
5. "Communist Party of the Philippines" ("Partit Komunista tal-Filippini"), inkluż in-"New People's Army" (l-"Armata l-Ġdida tal-Poplu") — "NPA", il-Filippini.
6. "Gama'a al-Islamiyya" (magħrufa ukoll bħala "Al-Gama'a al-Islamiyya") ("Islamic Group" — "IG" ("Grupp Iżlamiku").
7. "İslami Büyük Doğu Akıncılar Cephesi" — "IBDA-C" ("Great Islamic Eastern Warriors Front" ("Front Iżlamiku tal-Ġellieda tal-Lvant il-Kbir").
8. "Hamas", inkluż "Hamas-Izz al-Din al-Qassem".
9. "Hizballah Military Wing", (magħrufa wkoll bħala "Hezbollah Military Wing", magħrufa wkoll bħala "Hizbulħħa Military Wing", magħrufa wkoll bħala "Hizbollah Military Wing", magħrufa wkoll bħala "Hezbollah Military Wing", magħrufa wkoll bħala "Hisbollah Military Wing", magħrufa wkoll bħala "Hizbu'llah Military Wing", magħrufa wkoll bħala "Hizb Allah Military Wing" magħrufa wkoll bħala "Jihad Council" ("Kunsill tal-Ġiħad") (u l-unitajiet kollha li jirrapportaw lilha, inkluż l-Organizzazzjoni Esterna tas-Sigurtà)).

10. "Hizbul Mujahideen" — "HM".
11. "Khalistan Zindabad Force" — "KZF".
12. "Kurdistan Workers Party" — "PKK" ("Partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan") (magħruf ukoll bħala "KADEK", magħruf ukoll bħala "KONGRA-GEL").
13. "Liberation Tigers of Tamil Eelam" — "LTTE" ("Tigri għal-Liberazzjoni tat-Tamil Eelam").
14. "Ejército de Liberación Nacional" ("Armata għal-Liberazzjoni Nazzjonali").
15. Il-"x-Jihad Iż-żlamika tal-Palestina" — "PIJ".
16. "Popular Front for the Liberation of Palestine" — "PFLP" ("Front Popolari għal-Liberazzjoni tal-Palestina").
17. "Popular Front for the Liberation of Palestine" — "General Command" (Il-"x-Front Popolari għal-Liberazzjoni tal-Palestina" — "Kmand Ġenerali") (magħruf ukoll bħala "PFLP" — "General Command").
18. "Devrimci Halk Kurtuluş Partisi-Cephesi" — "DHKP/C" (magħruf ukoll bħala "Devrimci Sol" (ix-Xellug Rivoluzzjonarju), magħruf ukoll bħala "Dev Sol") ("Armata/Front/Partit Rivoluzzjonarju għall-Ħelsien tal-Poplu").
19. "Sendero Luminoso" — "SL" (it-"Triq li Tiddi").
20. "Teyrbazen Azadiya Kurdistan" — "TAK" (magħrufa wkoll bħala l-"Falkuni għall-Ħelsien tal-Kurdistan", magħrufa wkoll bħala l-"Isqra għall-Ħelsien tal-Kurdistan").